# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 56 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (skużata – indisposta) |

## 56/01 Talba

56/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.24 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa bagħtet email fejn talbet li tiġi skużata peress li kienet ma tiflaħx. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata.

## 56/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 55.

56/02/01 Emenda fuq minuta 55/06/03 biex tiżdied il-kelma 'oħra' wara l-kelma 'darba' fl-ewwel linja. Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

56/02/02 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 55 kif emendati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 55/06.

## 56/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 55.

56/03/01 **Para 55/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur installa l-*lifter* u lesta x-xogħol kollu. Is-SE intalbet titlob il-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika x-xogħol u l-kont ħalli jkun jista' jinħareg il-pagament u imbagħad il-Kunsill jkun jista' jibgħat it-talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL). Ġie unanimament approvat ukoll li jinxtara *cover* sabiex jiġi mgħotti dan il-*lifter* meta ma jkunx qed jintuża.

56/03/02 **Para 55/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li għad trid tibgħat il-formola tal-ARMS rigward il-*metres* tad-dawl u l-ilma.

56/03/03 **Para 54/03/03**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-SE iltaqgħet mal-Periti Grech u Cortis fejn iddiskutew l-aħħar xogħol li jrid isir fuq Ġnien tal-Ponta. Ġie unanimament deċiż li niktbu lil *Paying Agency* u nitolbu revizjoni tal-fondi skont il-*line items*. Is-SE ser tibgħat ukoll estratt tal-Minuti tal-Kunsill Lokali li juri li ġie approvat ix-xiri u t-twaħħil tal-*railing* u tneħħija ta' siġar li kienu mietu.. Ix-xogħol tal-ELC għat-tħawwil ta' siġar u xogħol ta' *landscaping* fil-Ġnien tal-Ponta għandu jibda l-ġimgħa d-dieħla. Is-SE intalbet tkompli issegwi lil B Grima & Sons Ltd sabiex jitwaħħlu l-bankijiet, *bins* u *picnic tables*. Hekk kif ix-xogħol kollu ikun lest il-Perit Grech ser jagħmel l-arrangamenti meħtieġa sabiex jinħareġ il-*Compliance certificate* mill-MEPA. Is-SE infurmat li qed tieħu ħsieb

sabiex tiġi ordnata t-tabella. Din ser titħallas mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament ukoll li mill-fondi tal-Kunsill jitħallas xi xogħol jew xiri ta' materjal li jkun hemm bżonn sabiex jitlesta dan il-proġett u li ma jkunux koperti mill-fondi tal-Miżura 313.

56/03/04 **Para 54/03/04 :- Triq San Gwann**: Is-SE infurmat li TM baqgħu ma irrispondewx għall-*emails* li intbagħtu sabiex jissewwew il-*bollards* ta' Triq San Gwann. TM naqsu ukoll li jwaħħlu l-*cat eyes* kif suppost kellhom jagħmlu. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jkompli jsegwi ma TM peress li dan hu proġett ta' TM u huma obbligati li jlestuh kif suppost.

56/03/05 **Para 54/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* ecc.**– Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li huwa ċempel lis-CEO tal-Green MT is-Sur Joe Attard peress li żewġ kontenituri tal-*bring-in-site* kienu imkissra kif ukoll sabiex Green MT tipprovdi l-boroz il-grizi. Il-kontenituri kienu inbiddlu minn Wasteserv. Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-Sur Attard mar personalment fuq il-post dakinhar. Is-SE imbaghad fakkritu dwar l-pagament u li kellu jibghat il-pagament pendenti ta' €2,310 sa dakinhar tal-laqgha. Is-SE ser tkompli issegwi. Il-Kunsill unanimamnet approva li l-*Green MT* jagħmlu avviz tal-*Eco Counsellors* fuq il-fuljett tal-Kunsill.

56/03/05/01 Is-Sindku ippreżenta r-rapporti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni lill-Kunsill. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni li kien magħmul mis-Sindku, is-Sur Mario Gauci, mill-Viċi Sindku, s-Sur Mark Azzopardi u mill-Kunsillier Christopher Fenech u s-SE bħalha s-Segretarja tal-Bord. Dan iltaqa' fis-26 ta' Mejju u 2 ta' Ġunju fejn ġew evalwati l-offerti għal ġbir tal-iskart imħallat u tal-latrina u l-ftuħ u l-egħluq tal-Ġnien il-Paċi u għas-servizz tal-Perit.

56/03/05/02 Għal-ġbir tal-Iskart Imħallat kien hemm disgha (9) offerti. Tnejn (2) mill-offerti ma kellhomx il-*financial statement* minn Bank kif kien mitlub fid-dokument tad-*Tender* u għalhekk dawn l-offerti ma komplewx jiġu ikkunsidrati. 60% tal-punti ingħataw skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li kienu jinkludu t-tip tal-magna, l-ammont ta' vetturi reġistrati, d-data tal-manifattura tal-vetturi, l-ħaddiema li huma rreġistrati mal-ETC, esperjenza f'xogħol simili ma Kunsilli, jekk kienx hemm *default notices* eċċ. 40% tal-punti ingħataw skont konsiderazzjonijiet finanzjarji li kienu jinkludu l-ispiża fuq kull offerta' għall-perjodu ta' erbgħa (4) snin u l-istima tal-valur tal-fuel kull ġurnata sabiex jingħata s-servizz. Il-Bord unanimament kien qed jirrakomanda li SRF and Veladrians Ltd jintgħataw il-kuntratt għall-ġbir tal-iskart imħallat peress li huma ġabu l-aktar punti skont il-kriteriji imsemmija. Huma għandhom esperjenza għaliex qedin joffru dan is-servizz f'diversi Kunsilli, ippreżentaw ittri ta' riferenza tajbin ħafna minn Kunsilli varji u l-Kunsill ma rċieva l-ebda avviż ta' ħruġ ta' *default notice*. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni..

56/03/05/03 Għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika u l-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi kien hemm hames (5) offerti. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni unanimament kien qed jirrakomanda li Bryden Azzopardi jintgħata l-Kuntratt għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina u ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi peress li l-offerta tiegħu kienet l-iżjed waħda vantaġġjuza mill-lat finanzjarju, huwa ssottometta id-dokumenti kollha, il-Kunsill ma rċeviex avviżi ta' ħrug ta' *default notices* minn Kunsilli oħra fir-rigward tiegħu u għandu ħaddiema biżżejjed reġistrati mal-ETC sabiex jagħti dan is-servizz. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

56/03/05/04 Is-SE ġiet awtorizżata sabiex tinforma lil kull meta tefa offerta' b'dawn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll sabiex eventwalment toħroġ il-*Letters of Acceptance.* Is-Sindku u s-SE ġew awtorizżati sabiex jiffirmaw il-kuntratti.

56/03/05/05 Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni irreveda l-offerti għas-Servizz ta' Perit pero innota li mhux kull offerta' kellha l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni kif suppost. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni talab lis-SE sabiex tiġbor aktar informazzjoni mingħand uħud mill-Periti. Kif is-SE tinforma li għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa l-Bord ser ikompli bl-aġġudikazzjoni tal-offerti. Ġie unanimament deċiż li jekk il-Bord ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni meħtieġa tant li ma jkunx jista' jipproċedi bl-aġġudikazzjoni l-Kunsill joħroġ serħa ġdida għas-servizz ta' Perit.

56/03/05/06 Is-SE infurmat li bdiet taħdem fuq is-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq.

56/03/06 **Para 55/03/06**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-*Euro Clean.* Sadanittant hija kienet kitbet lid-DGL għal gwida dwar il-ħlas dovut lill-*Euro clean* fir-rigward tad-*diesel*. Id-DLG kien naqas li jipprovdi direzzjoni speċifika u sempliċiment irrefera lill-Kunsill sabiex jimxi mat-termini tal-kuntratt. Hija reġgħet talbet kjarifika għall-mistoqsija tal-Kunsill u qed tistenna risposta.

56/03/07 **Para 55/03/07 :- Festival tal-Ħalib 2014** –Is-SE infurmat li l-irċevuti ser jintbgħatu fil-jiem li ġejjin lid-DLG għal rifuzjoni ta' parti mill-ispejjez.

56/03/08 **Para 55/03/08:-** ***Live Streaming***:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li irċeviet l-irċevuta fiskali tal-*live streaming* u hija ser it-talba lid-DGL għal rifuzjoni tal-ispejjez.

56/03/09 **Para 55/03/09:- Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li TM kienu awtorizzaw it-twaħħil ta' żewġ *traffic humps*. Il-Kunsill unanimament approva li dawn it-*traffic humps* u t-tabelli meħtieġa għalihom jinxtraw u jitwaħħlu.

56/03/10 **Para 55/03/10**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Is-SE infurmat li il-*works order* lis-Sur Joe Mula nħarġet. Il-Viċi Sindku nforma li għad irid jipprepara l-informazzjoni dwar il-Knisja Parrokkjali.

56/03/11 **Para 55/03/11:- Kunċert Mużikali u Jum Ħal Għargħur 2014:** Is-SE infurmat li ser tieħu ħsieb toħroġ l-inviti u ser toħroġ il-*purchase order* tat-*trophies* lill-*Glass Creations.* Il-Kunsill unanimament iddeċieda li għal dan il-kunċert jiġu mistiedna ukoll l-Onor Segretarki Parlamentari Stefan Buontempo u l-Onor David Agius.

56/03/11/02 **Jum ir-Raħal:** Rigward din l-attivita' l-Kunsill unanimament qabel li jikri l-arbli mingħand il-Kumitat tal-Festa kif ukoll il-bitħa ta' ħdejn is-sala parrokkjali mingħand il-Kapillan. Bhal ma jsir is-soltu l-armar tal-bar l-ewwel irid jiġi offrut lill-Kumitat Festa u jekk dawn jiddeċiedu li ma jarmawx din is-sena irid jiġi offrut lill-Għaqda tan-Nar San Bartilmew għaliex huma imisshom skont l-iskeda. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jikri s-servizz tal-Kor Pax Christii għall-quddiesa tas-16 ta' Lulju. Is-SE ġiet awtorizzata sabiex titkellem mal-Kapillan dwar dawn. Is-SE infurmat li għad trid tiġbor stimi għall-provvista' ta' dawl u *PA* system, transport għad-diversi ħarġiet eċċ. Il-Viċi Sindku

nforma li għad irid jipprepara l-lista tal-kantanti li ser jieħdu sehem.

56/03/12 **Para 55/03/12:- *Business Plan* 2014 -2017:** Is-SE infurmat lill-Kunsill li peress li kien hemm xogħol amministrattiv fuq it-*Tenders* u kellha laqgħat tal-aġġudikazzjoni, u xogħol amministrattiv ieħor, hija ma setgħetx taħdem fuq il-*Business Plan*. Hija se tagħmel mill-aħjar biex tirrevedi l-*Business Plan* u tipprepara r-Rapport Amministrattiv.

56/03/13 **Para 55/03/13:-** Is-SE infurmat li hija bgħatet l-applikazzjoni lill-Kuntrattur sabiex jinkiseb il-permess tal-*Enemalta* sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

56/03/14 **Para 55/03/15 :- Poloz tas-Sigurta':** Is-SE infurmat il-Kunsill li hija ċċekkjat l-poloz eżistenti u li l-kuntratt jagħlaq is-sena d-dieħla. Hija ħadet ħsieb iġġedded dawn il-poloz peress li kienu għalqu fl-1 ta' Ġunju 2014. Hija issa ser tara r-rakkomandazzjoni tal-awditur sabiex jiġu aġġustati l-valur assigurat ta' ċerti assi.

56/03/15 **Para 55/03/16 :- Talba 8114019208583** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li TM taw il-permess li Sqaq Warda jingħalaq permezz ta' tabelli tat-traffiku minflok *bollards*. Il-Kunsill unanimament approva li s-SE tordna dawn it-tabelli mingħand Koptasin.

56/03/16 **Para 55/03/17** :-. Is-SE reggħet talbet lit-TCTC sabiex jibgħatu l-ftehim ħalli ikun jista' jsir il-ħlas. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex issegwi.

56/03/17 **Para 55/03/19:** Il-Viċi Sindku nforma li hu għadu qed jaħdem fuq id-DVD u eventwalment ser jiltaqgħa mas-Sur E. Aquilina. Is-SE infurmat li għadha ma rċevietx l-istima sabiex isir dan id-DVD.

56/03/18 **Para 55/03/20:-** Is-SE infurmat li l-Inġineer għamel l-*inspection* tal-*lift* tal-Kunsill. Huwa talab li jsir it-telefon fil-*lift* u mill-bqija, huwa ċċertifika li l-*lift* qiegħed jaħdem tajjeb. Huwa ħa ħsieb jibgħat kopja tar-rapport lill OHSA.

56/03/19 **Para 55/03/24:-** Is-SE intalbet biex isegwi xogħol tal-marki tat-traffiku fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-ħaddiem l-ieħor beda jaqta' l-ħaxix fi Triq il-Ġnien u Triq Għaxqet l-Għajn. Huwa għandu jagħmel ukoll id-daħla tal-*ground*, it-Triq tal-Ferħa u wara ikompli skont il-lista tax-xogħolijiet tat-toroq.

56/03/20 **Para 55/03/25** :- Is-SE ipprezentat lill-Kunsill l-stima ta' €944 mingħand *Smart Lights* għad-dawl ġdid fiz-*zebra crossing* tal-Pjazza. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tipprova tkellem Kunsilli oħra ħalli tara minn fejn huma jixtru dawn it-tip ta' dawl u kemm jiswew.

56/03/21 **Para 55/03/27**:- Rigward il-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud is-SE infurmat li hija se tgħaddi l-korrispondenza kollha li għandha lid-DLG u tinfurmaħ li sal-lum għandna qedin nistennew l-approvazzjoni għat-talba tal-Kunsill.

56/03/22 **Para 55/03/29 :-** Is-SE infurmat li l-Bord tas-*Street Naming Committee* talab il-korrispondenza kollha sabiex jerġa jiddiskuti t-talba tal-Kunsill. Is-SE intalbet sabiex issegwi dan il-każ.

56/03/23 **Para 55/03/30 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**:- Is-SE infurmat li is-

Sindku u hija ltaqgħu mal-*Accountant* sabiex jirrevedu l-*management letter*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-risposta għal Management letter issa hija lesta u s-SE għandha tibgħatha kemm jista' jkun malajr. Is-SE ser tieħu ħsieb tagħti kopja tar-risposta lill-Kunsillieri kif ukoll titellgħa fuq il-*website* tal-Kunsill il-*Financial Statements 2013* u l-Estimi Finanzjari 2014.

56/03/24 **Para 55/03/31 Sqaq il-Qiegħed**:- Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu ser jiltaqa' fuq il-post kemm mar-residenti li għamel it-talba kif ukoll mal-kuntrattur. Ladarba ikun hemm ftehim kif ser nipproċedu s-SE ser toħroġ il-*works order*.

56/03/25 **Para 55/03/32:-** ***After School Sport Programme*****:** Il-Kunsillier is-Sur Vincent Galea attenda din iċ-ċeremonija bħalha rappreżentant tal-Kunsill u ippreżenta ċ-ċertifikati lit-tfal li attendew dan il-programm. Huwa se jibgħat ftit ritratti għal-*website* tal-Kunsill.

56/03/26 **Para 55/03/34**:- Rigward il-*culvert* ta' Triq il-Ġnien is-SE infurmat lill-Kunsill li għad irid isir l-arranġament sabiex jitpoġġa żrar oħxon. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser ikompli isegwi.

56/03/27 **Para 55/06/19** :- Ċirkulari mingħand AKL - Ċirk 37/2014 - Laqgħa għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex (li m' humiex Sindki) is-Sibt 21 ta' Ġunju 2014 fil-Lukanda Dolmen Resort, il-Qawra. Il-Kunsilliera Alfred Muscat u Vincent Galea infurmaw li huma se jattendu. Is-SE għandha tieħu ħsieb li tibgħat l-applikazzjoni tagħhom bil-ħlas dovut.

56/03/28 **Para 55/06/20:-** Is-SE infurmat li hi rnexxiela tirranġa mal-Enemalta sabiex jintefa d-dawl fi Ġnien il-Paċi mingħajr ma jkun hemm ħlas. Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li l-izżbir tas-siġar kien sar. Hu qal li l-kiri tal-*iscaffolding* sewa €100. Il-Kunsill unanimament qabel li jitħallas dan il-kont.

56/03//29 **Para 55/07/01**:- Il-Kunsillier Muscat ikkonferma li l-Onor Ministru tal-Edukazzjoni, Evarist Bartolo kien ser jattendi għal din iċ-ċerimonja. Is-SE infurmat li ħadet ħsieb l-arranġamenti kollha mal-iskola. L-attivita' ser issir il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju fid-9.00 am.

56/03/30 **Para 55/07/02** Is-SE infurmat lill-Kunsill li nxtara fanal ġdid sabiex jitwaħħal fil-Pjazza tad-Dejma. Il-kuntrattur ġie infurmat sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

56/03/31 **Para 55/07/03** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li huwa kellem lill-ELC sabiex jieħdu ħsieb isaqqu s-siġar li tħawwlu fis-*Searchlight Battery*. Is-SE infurmat li dawn qed jissaqqew darba fil-ġimgħa.

56/03/32 **Para 55/07/05** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija li huma responsabbli mill-lokalita' tagħna flimkien mal-Kapillan ser issir nhar it-Tlieta 10 ta' Gunju fil-5.30pm.

**56/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

56/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-Petty Cash.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**56/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

56/05/01 **Talba nru 18114092210807** Sabiex titwaħħal *traffic hump* fi Triq Santa Katerina qabel Triq tal-Ferħa. Il-Kunsill innota li ftit il-bogħod diġa kien hemm *traffic hump* u kellha tinqala għaliex kienu daħlu l-ilmenti mingħand ir-residenti. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan is-suġġeriment.

56/05/02 **Talba nru 18114085210848** Talba sabiex ta' kull ġimgħa id-*delivery truck* tad-dqiq jitħalla jipparkja fi Triq Ferdinand u jagħlaq it-triq sakemm iħott. Sid il-forn kien ippreżenta ittra maħruġa mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Il-Kunsill innota li din l-ittra ma tgħidx li tista' tingħalaq it-triq iżda li għall-perjodu temporanju t-trakk seta' jipparkja viċin il-forn tar-Rabat sakemm TM toħroġ il-permess sabiex tiċċaqlaq *loading / unloading bay*. Il-Kunsill unanimament ma approvax li tingħalaq Triq Ferdinand sakemm ma jsirux il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill innota li jekk tingħalaq Triq Ferdinand ir-residenti li joqgħodu Sqaq Charlotte, Triq Fidiel Zarb eċċ ma jkunux jistgħu jaċċessaw djarhom għaliex Triq il-Gnien hi *One Way*. Ġie unanimament deċiż li s-Sindku ikellem lis-sid tal-forn u jispjegalu dan.

56/05/03 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi nforma lill-Kunsill li fi Triq Mons Luigi Catania hemm bougainville li qegħda tagħti għal fuq it-Triq u qegħda tagħmel ħsara lill karozzi pparkjati. Is-SE se tibgħat ħaddiem biex jaqta' ftit minn din il-pjanta.

**56/06** **Korrispondenza**

**Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:**

56/06/01 Korrispondenza mit-Transport Malta dwar Sqaq Warda Għargħur ġiet innotata.

56/06/02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE applikat biex fis-sajf fil-Kunsill jiġi student taħt il-programm tal-MITA - *Student Placement Programme 2014: Government entities invitation to participate.*

56/06/03 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda ġiet innotata mill-Kunsill.

56/06/04 Korrispondenza mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Dizabilita fejn qed tappella lill-Kunsilli sabiex ma jħallux li jsir armar tal-festa eċċ fuq il-bankina jew f'postijiet riservati għall-persuni b'dizabilita'. Is-SE infurmat li ħadet ħsieb li tibgħat din il-korrispondenza lill-Kapillan.

56/06/05 Korrispondenza lit-TM dwar il-*Proposed Footpath in part of Triq il-Gnien Gharghur* ġiet innotata mill-Kunsill. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien bagħat risposta għal din il-korrispondenza.

56/06/06 Korrispondenza dwar *Meeting on V18* ġiet innotata. Il-Kunsillier Vincent Galea ta dettalji dwar il-laqgħa li hu attenda dwar dan is-suġġett.

56/06/07 Korrispondenza mill-Ministeru għall-Izvilupp Sostenibbli l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima dwar *Contract No: 410/36238/2011-Hal Gharghur Local Council Axis 3-measure 313-*

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

*Encouragement of Tourism Activities*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

56/06/08 Korrispondenzaħdwar *Update of Second class water reservoirs and large wells own by Government.* Din ġiet innotata. Is-SE intalbet tagħmel appuntament halli l-Kunsillier Muscat jiggwida lill-uffiċċjali meta jagħmlu żjara fir-raħal.

56/06/09 Korrispondenza dwar it-*tender* għat-tiswija tal-bozoz fit-toroq. Is-SE għandha tiltaqa' mas-SE tar-Regjun f'dan ir-rigward. Il-Kunsill approva li jipparteċipa mar-Regjun f'dan it-*tender.*

56/06/10 Kwotazzjoni dwar *smart lighting* ġiet innotata mill-Kunsill. Il-materja ġiet diskussa iżjed il-quddiem waqt il-laqgħa.

56/06/11 Korrispondenza dwar *Memo 12: Life Long Learning-List of Applicants*. Il-Kunsill unanimament approva li ma jieħux sehem f'din l-iskema.

56/06/12 Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Anzjani taqsima tal-Komunikazzjoni- Ċirkulari - 40/2014- Jum it-Tifkira tal-Abbuz fuq l-Anzjani ġiet innotata.

56/06/13 Korrispondenza mill-ANSEK dwar *course* fuq *Procurement* offrut lis-SE. Is-SE issuċċerit li tattendi ukoll l-EO tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva li kemm is-SE kif ukoll l-EO tal-Kunsill jattendu dan il-kors.

**56/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

56/07/01 Il-Kunsillier Muscat issuġġerixxa li mas-siġra taż-żebbuġ li ser titħawwel fi Ġnien il-Paċi titwaħħal plakka li timmarka l-20 sena anniversarju tat-twaqqif ta' Gvern Lokali fir-raħal. Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment. Is-SE intalbet toħroġ PO għal din il-plakka

56/07/02 Is-Sindku nforma l-Kumitat Kongunt Tramuntana li kien ġie xolt meta twaqqfu r-Regjuni kien ħareġ pagament ta' €3,320.50.

56/07/03 Il-Kunsillier Christopher Fenech talab lis-SE sabiex tibda taħseb għall-festa tar-raħal li din is-sena ser issir fil-24 t'Awwissu 2014. Is-SE infurmat li hi ser titkellem mal-Kapillan kif ukoll tieħu ħsieb toħroġ l-avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar l-armar tal-gabbani ħalli jibdew jinħargu l-permessi. Il-Kunsill unanimament qabel li fil-festa ikun hemm is-servizz addizzjonali tal-knis kif ukoll tal-ġbir tal-iskart.

56/07/04 Il-Kunsillier Christopher Fenech ġibed l-attenzjoni li t-tabella li hemm fejn Ġnien il-Ponta hemm bżonn tinbidel. Il-Kunsill unanimament approva u s-SE ser tieħu ħsieb tordna tabella oħra.

56/07/05 Il-Viċi Sindku nforma li xi ħadd privat kien waħħal tabella fuq il-pont ta' Wied id-Dis. Il-Kunsill unanimament qabel li din titneħħa.

56/07/06 Il-Kunsillier Fenech talab lis-Sindku sabiex jispjega għalfejn kien hemm email mill-Local Councils Association (LCA) li kienet tirrigwarda jekk Sindku u SE għandhomx ikollom terminu definit, eċċ. li intbgħatet f'isem il-Kunsill mis-Sindku imma huma ma

kienux infurmati bit-tweġiba u li huma setgħu jibgħatu risposta għal-din l-email separatament.

Bi żvista l-istaff amministrattiv ma kienx bgħatt kopja ta' din l-email lill-Kunsillieri, imma l-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni u s-SE bgħatet kopja ta' din l-email bir-risposta tas-Sindku lil kull Kunsillier.

Is-Sindku spjega li hu kien irċieva fuq l-email personali tiegħu il-korripondenza mibgħuta mill-LCA u ma jistax jifhem kif il-Kunsllieri kollha ma kienux irċevew din il-korrispondenza ukoll.

Hu kien bagħat ir-risposta personali tiegħu mid-dar u l-istaff amministrattiv, (kif dejjem jagħmlu, kienu ħallew kopja tal-email fit-tray tiegħu), hu kien irrisponda bħala Sindku f'isem il-Kunsill Lokali. Ir-risposta li bagħat bħala Sindku kienet identika għar-risposta li hu bagħat fuq bażi personali bħala Kunsillier.

Is-Sindku qal li mkien fir-risposta tiegħu ma hemm indikat li hu qed jirrispondi f'isem il-Kunsillieri personali. Ovvjament meta jintalab jirrispondi bħala Sindku (e.g. mistoqsijiet parlamentari jew surveys etc.) ikun qed jirrispondi f'isem il-Kunsill imma hemm distinzjoni milli jingħad li qed jirrispondi f'isem il-Kunsillieri personali

Is-SE fakkret li jekk il-Kunsillieri riedu li jirrispondu fuq bażi personali din l-email, huma setgħu jagħmlu dan sas-6 ta' Ġunju.

56/07/07 Is-SE infurmat li din is-sena sabiex Kunsill jipparteċipa fil-korsijiet tal-*Lifelong Learning* irid isir ħlas li hu sostanzjali ta' madwar €900. Mid-dehra ma hemmx distinzjoni bejn lokalita' kbira u oħra zgħira fejn jidħol il-ħlas. Fiċ-ċirkustanzi u peress li fil-passat ftit li xejn kien hemm interess f'dawn il-korsijiet, il-Kunsill unanimament iddeċieda li ma jieħux sehem.

**56/08 Aġġornament**

56/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.22 pm wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 17 ta' Ġunju 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |